**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D., M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**
**vs**
**Harvin Vassallo**

**Illum 23 t'Awwissu, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Harvin Vassallo, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 319589M.

Akkuzat talli fix-xahar ta' Gunju, 2020 u fil-granet, gimghat u xhur ta' wara din id-data, f'dawn il-gzejjer:

Approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba kariga jew servizz tieghu, li jammonta ghal aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5000) ghad-dannu ta' Philippa Camenzuli u/jew Kurt Camenzuli.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qrat u kkonfermat bil-gurament l-akkuza fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 23 t'Awwissu, 2020.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', vera kopja ta' Mandat t'Arrest datat 22 t'Awwissu, 2020 immarkat bhala Dok KB1; person details immarkati bhala Dok KB2; fedina penali mmarkata bhala Dok KB3; stqarrija mmarkata bhala Dok KB4; okkorrenza mmarkata bhala Dok KB5.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar it-23 t'Awwissu, 2020.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-ammissjoni cara u inekwivoka u bikrija tal-imputat.

**Decide:**

Il-Qorti ghalhekk fuq ammissjoni tal-imputat stess **Harvin Vassallo** u wara li rat l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Harvin Vassallo** hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, tapplika l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel l-ebda reat iehor sa zmien tmintax (18)-il xahar millum.

Inoltre, tordna lill-imputat ihallas lil Philippa u Kurt Camenzuli l-ammont ta' elf u hames mitt ewro (€1500) fi zmien tmintax (18)-il xahar mil-lum u dan ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**